KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 42

It-tnejn u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar it-Tlieta 15 ta' Frar 2022 fis-6pm ġo sala ġewwa The Palace Hotel.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Graziella Attard Previ | Sindku |
| | John Pillow | Vici Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsilliera |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Kevin Wain | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

*42.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 41;*
*42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*42.5 Rapporti ;*
*42.6 Decizjonijet dwar diversi progetti kurrenti ;*
*42.7 Items Oħra ;*
*42.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*42.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*42.10 Mozzjonijiet ;*
*42.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 42.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

42.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' apoloġija f'isem il-kunsillieri K.Wain, I. Fenech u P.P.Portelli. Kien hemm qbil unanimu li jiġu skużati.

## 42.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 41

42.2.1 B'referenza għal punt nru. 41.3.2, is-Sindku pproponiet li tiltaqa mall-MAGG biex tiġi stabbilixxata l-post fejn għanda ssir il-monument. *Monument: MAGG*

42.2.2 B'referenza għal punt nru. 41.3.3 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sinja. Migneco aċċettat id-deċiżjoni tal-Kunsill. *Sinja. Migneco*

**Il-kunsillier W.V.Baldacchino daħal għall-ħabta ta' 18:19**

42.2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma, b'referenza għal punt 41.3.5, illi l-EPOS waslu. *EPOS*

42.2.4 Dwar punt 41.8.8, kien hemm ftehim illi l-pagament isir. Il-Viċi Sindku qal illi għandna nieħdu nota illi l-kuntrattur għandu jitrejnja s-siġar u li għanda ssir follow-up. *Bisazza: Urban Greening*

42.2.5 B'referenza għal punt 41.8.9, kien hemm qbil illi l-monument tkun waħda life-size u li l-Kunsill se jħallas l-ispejjez tal-Planning. *Monument: Pauline Dembska*

42.2.6 B'referenza għal punt 41.8.16, is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-ħsarat saru meta l-kuntrattur kien qed jaħdem ix-xogħol tal-Kunsill. Se titħallas waqt illi ssir claim mill-insurance tal-kuntrattur. *Claim: Għar il-Lembi*

42.2.7 Il-kunsillier Emanuel Borg ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti ġew approvati. *Approvazzjoni Minuti nru. 41*

**Il-kunsillier P.Radmilli daħal fis-18:37**

**Fl-istess ħin il-Perit D.Zahra li qed jaħdem fuq il-proġett li se ssir barra Teatru Salesjani daħal biex jagħti informazzjoni dwar l-applikazzjoni li ġiet approvata mill-Ministeru ftit ġranet qabel. Hu ta spjegazzjoni tal-proġett u għall-ħabta ta 19:13 il-kunsilliera rringrazzjawħ wara tmiem il-prezentazzjoni u Q&A, u ħareġ sabiex titkompla l-Aġenda.**

## 42.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

42.3.1 Is-Sindku tat merħba lill-kunsillier il-ġdid, is-sur J.Dougall. Qalet illi se jkun responsabbli għad-dekasteru tall-iskart li se titqassam bejnu u l-kunsillier D.Soler. Is-sur Dougall se jkun responsabbli għall-areas ta' Tigne, Bisazza u l-area mill-Piazetta sa Qui Si Sana u l-Gzira. Is-Sindku żdiedet illi se jkun ukol involut fit-traffic committee, kif kien qabel ma ġie elett. Is-Sindku qalet illi hi se tieħu ħsieb ir-responsabbilitajiet tal-ex Sindku u m'hemm l-ebda bidla oħra fejn jidħlu dekasteri. *Kunsillier ġdied: J.Dougall*

42.3.2 Is-Sindku għamlet referenza għal-laqgħa li saret mall-Onor. Ian Borg ftit sigħat qabel uil-laqgħa, fejn qalet kien hemm ftehim illi l-Kunsill se jieħu responsabbilta tad-deċiżjonijiet tagħna u li ssir studju fuq ir-residential parking. Il-Ministru offra li jieħu ħsieb il-ħlas tal-istudju. *Residential Parking*

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-aspett legali taqa' taħt il-Ministru u għandna noqogħdu attenti bl-informazzjoni li nagħtu, għalhiex il-Kunsill huwa responsabbli biss għat-twaħħil tat-tabelli u xejn izjed. Qal m'għandniex nagħtu l-ideja li se ndaħħluha u qal illi hu mhux konvint illi hemm ir-rieda mill-Gvern la wara 10 snin qegħdin nisimgħu l-istess diskors dwar studju. Żied ukoll illi l-ikbar problema tal-parking ma tkunx bil-lejl izda matul il-ġurnata.

Il-kunsillier D.Muscat qal illi l-Ministru anka avza sabiex nħaffu sabiex ikun jista jiffirma qabel l-elezzjoni li jmiss

42.3.3 Is-Sindku avzat illi l-IM bdew xogħolijiet ġewwa triq Viani, fejn se jsiru l-bankini, servizzi ġodda ta' ilma u asphalt. Ix-xogħolijiet għandom jitlestu sa Mejju. *Viani str.*

42.3.4 Is-Sindku qalet illi fil-passat ittieħdet deċiżjoni biex tinqeleb il-parking ġewwa triq Blanche izda hemm residenti li huma kontra. Il-Viċi Sindku qal illi hu kien wieħed mill-kunsilliera favur l-ideja, izda issa konxju li mhix se tkun l-aħjar soluzzjoni għall-problema ta' ilma li hemm. *Blanche: Parking u problema ta' ilma*

Is-Sindku ssuġerriet illi ssir sleeping police mall-kantuniera ma' Isouard. Kien hemm qbil illi din isir bħala esperiment, biex l-ilma li tinzel minn Isouard ma tibqa tidħol bil-qawwi ġewwa Blanche.

**Il-kunsillier W.Vella Baldacchino ħareġ mill-kamra fit-20:00**

42.3.5 Is-Sindku avzat illi l-Website se topera mill-ewwel ġimgħa ta' Marzu. *Website*

42.3.6 Is-Sindku rċeviet talba biex isir rikonoxximent għal Daphne Caruana Galizia fil-lokalita ta' Tas-Sliema. Issuġerriet siġra u plakka fejn il-Gabanna s-sewda [Għar id-Dud]. *DCG memorial*

**Il-kunsillier W.Vella Baldacchino daħal lura fit-20:07**

Il-Viċi Sindku qal illi jaqbel izda jixtieq li n-nies ma jħallux l-area mimli xemgħat. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi hemm sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tgħid li l-awtoritajiet ma jistgħux jipprojbixxu t-tqegħid tax-xemgħat u l-fjuri f'post pubbliku.

Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi l-aħjar illi ssir wara l-elezzjoni, izda kien hemm il-maġġoranza ta' kunsilliera li qalu jippreferu li ma norbtux l-ideja mall-elezzjoni u li ma tkunx 'politicized'.

Il-kunsillier D.Muscat qal illi ma jsibx oġġezzjoni izda ma qabilx illi ssir il-logo tal-Kunsill.

Wara diskussjoni ġiet approvata, izda l-kunsillier W.V.Baldacchino u D.Muscat qalu se jastjenu fuq il-logo, izda se jirrispettaw id-deċiżjoni tal-Kunsill.

42.3.7 Is-Sindku qrat ittra mibgħuta mill-Kappillan ta' Sacro Cuore fejn awgura l-Kunsill l-ġdid u bagħat ukoll illi l-Kunsill jista jagħmel użu tas-santwarju meta jkun hemm bzonn. Il-Kunsill irringrazzjawħ. *Kappillan Sacro Cuore*

42.3.8 Is-Sindku qrat korrespondenza mibgħuta mingħand il-LIDL sabiex tinbiddel it-traffic management plan tal-area ta' Mary u Milner str. Wara diskussjoni ġie deċiż illi għanda tibqa kif inhi. Il-kunsillier A.Debono stenja mill-vot. Il-bqija tal-Kunsill qabel mad-deċiżjoni li tibqa kif inhi. *LIDL traffic management*

Fuq dan il-punt il-kunsillier P.Radmilli qal illi huma deċiżjonijiet illi għandom jittieħdu mill-kumitat tat-traffic management.

42.3.9 Is-Sindku qalet illi Club 1926 għħandom problema ta' ilma fil-passaġġ tagħhom u talbu li jagħmlu drain system [bl-ispejjez tagħhom]. Kien hemm qbil. *Club 1926*

Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal ukoll illi jixtiequ jagħmlu użu ta' storage taħt it-taraġ. Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi ma taqax taħt ir-remit tagħna u jekk jagħmlu t-talba lil Lands noħorġu bin-No Objection.

## 42.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

42.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

## 42.5 RAPPORTI

42.5 Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 42.6 DEĊIŻJONI DWAR DIVERSI PROĠETTI KURRENTI

42.6.1 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-preżent għaddejjin minn 28 proġett differenti li għalihom ġew approvati l-fondi. Uħud minnhom bil-kemm bdejna, waqt illi oħrajn ilhom ftit għaddejjin. Qal illi hemm bzonn nieħdu deċiżjoni sabiex niffokaw biss fuq dawn illi huma approvati, qabel ma naċċettaw oħrajn ġodda. Deċiżjoni: Fokka fuq 28 proġett preżenti

Żied illi fihom ħafna xogħol, kemm għalih, kif ukoll għas-Segretarju Eżekuttiv, u l-istaff, sabiex naħdmu fuq dawk illi għandna, u faċli nirċievu emajls bi fondi ġodda u napprovawhom.. Qal m'aħniex qegħdin ngħidu le għal kollox, kif ukoll qal illi saru talbiet sabiex napplikaw għal fondi li m'aħniex intintolari għalihom.

Kien hemm qbil illi niffukaw fuq l-applikazzjonijiet preżenti.

42.6.2 Il-kunsillier P.Radmilli żied proposta li rċieva mill-kunsillier Anton Debonoilli biex ikun hemm bzonn tim ta' tlett kunsilliera għal kull proġett, fejn wieħed ikun il-'leader'. Ingħata dokument lill-

kunsilliera kollha b'lista tal -proġetti, fl-istat kurrenti, u min huma l-tlett evalwaturi tagħhom.

42.6.3 Għall-fini ta' deċiżjoni li trid tittieħed u tiġi Minuted, biex inkomplu bil-proġett tan-Norway Grants, li l-Kunsill se jibbenifika qrib ta' €100,000, minflok lift se ssiru xogħolijiet fuq ir-rampi ta' Ġnien Independenza. Il-Viċi Sindku qal illi għanda tiġi kkunsidrata wkoll illi ssir rampa li tista tintuża sabiex titnizzel makkinarju goff fil-ġnien.
Il-kunsillier P.Radmilli ppropona din il-bidla fl-applikazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu

Norway Grants: Deċiżjoni fuq bidla fil-proposta

42.6.4 Rigward Ġnien Bonello Du Puis il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi se nieħdu €52,000 li mhix bizzejjed sabiex nagħmlu proġett sħiħ. Għamel proposta sabiex nużaw €50,000 mill-fondi tal-Kunsill u €100,000 mid-DPF. Żied illi hemm kuntratturi li għandom obbligu li jħawwlu siġar madwar il-lokalita u dawn jistaw jintuzaw fil-ġnien.
Il-Viċi Sindku ppropona li nieħdu €50,000 izjed mid-DPF. Il-kunsillier P.Radmilli ssekondaħ.
B'hekk il-kunsillier P.Radmilli ppropona €50,000 mill-fondi tal-Kunsill u €150,000 mid-DPF. Il-Viċi Sindku ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.

Ġnien Bonello Du Puis

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi, kif ħabbar qabel il-laqgħa, se jkollu jitlaq kmieni. Fid-21:10 telaq mill-kamra u d-Deputat Segretarja Eżekuttiv kompliet minflok.**

42.6.5 Il-Kunsillier P. Radmilli ppropona li għal kull proġett li jkun hemm bzonn ta' perit jitlob wkoll li jkun hemm *project manager* li jibgħatu kwotazzjoni għal dan is-servizz. Fejn hu possibli l-project manager ikun mill-uffiċju tal-periti li jkunu fasslu l-pjanti tal-proġett. Dan biex ikun jista jiġi koordinat sabiex il-proġett jiġi komplut. Kien hemm qbil unanimu.
Il-Kunsillier J Dougall ġibed l-attenzjoni li għandu jkun hemm ukoll sejħa għal *Technical Officer* ukoll skont x'jirrikjedi l-proġett. Kien hemm qbil ma dan fost il-Kunsilliera prezenti.

Servizz ta' perit/project manager/technical officer

42.6.6 Is-Sindku fakkret ukoll f'dawk il-proġetti li kien semma fl-aħħar laqgħa tiegħu l-ex Sindku A. Chircop. Fakkret li dawn għadhom pendenti wkoll.

Proġetti oħra pendenti

*Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier A. Debono ġew skuzati li joħorġu mis-*

*seduta 21.40*

## 42.7 ITEMS OĦRA

42.7.1 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mir-Reġjun fejn dawn infurmawna li Sliema Pitch qegħdin jikkordinaw laqgħat sabiex jittieħdu fondi mil-Planning Fund għal xi proġett li se jkun maqsum fi tlett fazijiet. Il-President tar-Regjun, ħass li l-Kunsill għandu jkun jaf b'dan. Proġett Sliema Pitch

*Daħlu lura l-Viċi Sindku u l-Kunsillier A. Debono fid-21.47*

42.7.2 Il-Kunsillier P. Radmilli spjega kif mil-fond ta' 20% naqqas għaliex diġa applikajna għal proġetti mal-Parroċċi, l-għaqdiet tal-Parroċċi u t-Teatru Salesjan.

42.7.3 Is-Sindku qalet li l-Kunsill irid jagħti r-risposta ta' *no obejction* jew le, lir-Regjun. Is-Sindku infurmat li nhar il-Ħamis li ġej se ssir laqgħa mal-Water Polo Club. Il-Kunsill qabel li wara din il-laqgħa, sakemm ma jkunx hemm xi affarijiet straordinarji l-Kunsill għandu jagħti 'No Objection'. Il-Kunsill għandu jinforma lir-Regjun bid-deċizjoni tiegħu.

42.7.4 Il-Kunsillier Paul Radmilli irrefera għal proġett tal-*car park*. Qal illi se nibgħatu lil DPF għal 'outline application' sabiex isir *ring fencing* għal dawn il-fondi la issa għandna f'idejna d-dokumenti kollha meħtieġa sabiex din isir. Proġett car park

42.7.5 Il-Kunsillier J. Dougall saqsa dwar is-sitwazzjoni kurrenti tal-RPZ. Il-Kunsillier P. Radmilli spjega kif diġa kien hemm *legal notice* biex tibda sseħħ izda kienet tneħħiet il-parti tat-toroq ta' Tas-Sliema. Is-Sindku qalet li hi flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsillier D. Muscat u s-Segretarju Ezekuttiv iltaqgħu mal-Ministru Ian Borg, dwar l-RPZ. Is-Sindku qalet li din kienet waħda pozittiva. Sadinattant is-Sindku qalet li il-Ministru qiegħed jistenna pjan min-naħa tal-Kunsill u jkun jista jiffirmah, bi ħsieb li jitmexxa l-proċess. RPZ

42.7.6 Il-Kunsillier W. Vella Baldacchino qal li avviċinawh zgħazagħ biex jiġi irranġat l-*outdoor gym* ta' Gnien Bonello Dupuis Qui Si Sana. Il-Kunsillier Vella Baldacchino qal hemm ċans illi l-MTA jgħinu biex jinbidel l-*equipment*. Il-Kunsillier W. Vella Baldacchino saqsa jekk *Outdoor Gym – Gnien Bonello Dupuis*

il-Kunsill jaqbilx li jsir *upgrading* tal *equipment* jekk tingħata l-għajnuna tal-MTA. Kien hemm qbil dwar dan.

42.7.7 Il-Kunsillier P. Radmilli xtaq izid punt mal-lista ta' proġetti li prezenta iktar kmieni f'din il-laqgħa, li l-Kunsillier P. Portelli mhux inkluz f'din il-lista għaliex huwa l-kunsillier iffukat fil-PR tal-kunsill. Żied illi hemm obbligu mill-iskemi ta' fondi li jkun hemm reklamar tal-proġetti. Ippropona li jsiru vidjos qosra tal-proġetti għal fuq il-midja soċjali. Kien hemm qbil unanimu. PR tal-Kunsill

42.7.8 Is-Sindku talbet ukoll li fejn ikun qiegħed isir xi proġett, il-Kunsill għandu jpoġġa xi *banner/notice* li jindika tax-xogħol li qiegħed isir.

42.7.9 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal PA 7902/20, fejn qal li rċevejna li stima mil-avukat sabiex ikun jsta jsir l-appell. Kien hemm qbil li jsir l-appell. Appell PA 7902/20

42.7.10 Il-Kunsillier D. Muscat qal li kellu laqgħa ma' Sinjorina Nicola Demajo Albanese tar-Regjun fejn ġew diskussi kif jistgħu jsiru attivitajiet kulturali f'Tas-Sliema. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta. Il-Kunsillier P. Radmilli talab lill-Kunsillier D. Muscat biex iħejji stima ta' dan sabiex ikun jista jirrakomandah fil-kumitat tal-finanzi biex jiġi inkluż fil-budget 2022. Proposta għall-attivitajiet kulturali

42.7.11 Is-Sindku qalet li avviċina resident minn Triq Manwel Dimech li kissrulu l-camera sakemm kienu qegħdin jarmaw it-toroq tal-Milied, u talab li jiġi kompensat. Il-ħsara li pprezenta kienet ta' Ewro 112. Kien hemm qbil li din titħallas mil-Kunsill.

42.7.12 Is-Sindku irreferiet għall-parti mill-allokazzjoni li l-Kunsill għadu kif irċieva għas-sena 2022, dik tal-MTA (Toursim Zones) bl-ammont ta' 20,000 ewro. Issuġġeriet li dawn jintuzaw għal ħasil tat-toroq f'Tas-Sliema. Kien hemm qbil dwar dan. Hasil ta' toroq

42.7.13 Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret li l-Kunsill kien diġa ddiskuta biex jitwaħħlu ritratti antiki ta' Tas-Sliema f'postijiet prominenti. Ritratti antiki

42.7.14 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-**equipment** għal *playing field* ta' fejn it-Torri. Kien hemm qbil li dan jinbidel. Il-Kunsill għandu jġib stima oħra għaliex meta konna rċevejna kienet taqbez id-DO. Playing Field (fejn it-Torri)

42.7.15 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-ħsara li hemm fil-barrier ta' Triq Barrier fi Triq Bisazza

Bisazza u qal li wara li kien hemm rapport tal-pulizija ma kienx hemm aktar *follow up* u jrid isir kuntatt mal-pulizija. Il-Kunsillier Pillow informa li l-kumpanja Alberta se jkunu qegħdin jibgħatu stima tal-ħsara ezistenti.

42.7.16 Il-Kunsillier J. Pillow qal li fi zmien il-COVID kienu ngħataw permess biex joħorġu aktar imwejjed fuq il-bankina, u qiegħed jitlob biex insaqqsu lil MTA biex jerġgħu jiġu kif kienu. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikteb lil MTA dwar dan. Talba biex il-bankini li mimlija b-ilmwejjed ta' ristoranti, jingħataw lura

42.7.17 Il-Kunsillier A. Debono kellem lis-Sinjorina N. Demajo Albenese mir-Regjun biex jiġi mħejji kunċert fis-Sajf. Il-Kunsllier Debono qal li mistenni ikun fil-15 u fis-16 ta' Lulju, 2022. Hemm il-ħsieb li jgħaqqad erba' baned tal-kazini f'Tas-Sliema kif ukoll ikun hemm involut il-*ballet*. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsill għandu jibda jiġbor l-istimi. Kuncert fis-Sajf

42.7.18 Il-Kunsiller A. Debono qal li ġie avviċinat minn Għaqda Delettanti tal-Gimgħa l-Kbira sabiex il-Kunsill jgħin fil-*printing* ta' poster għal dawn l-attivijiet. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsill għandu jirċievi l-istimi. Printing ta' programm

42.7.19 Il-Kunsillier A. Debono saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li jitpoġġew Slaleb fi Triq it-Torri (min-naħa tal-Fortizza sat-Torri) u ġewwa Pjazza Sant'Anna għal zmien il-Għid. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsill għandu jirċievi l-istimi. Slaleb għal zmien l-Għid

42.7.20 Il-Viċi Sindku J. Pillow informa li l-ħaddiema tal-Cleansing se jkunu qegħdin iħejju tiswijiet fil-ħajt tal-Gnien Indipendenza. Tiswijiet fil-ħajt

42.7.21 Is-Sindku infurmat li s-sotto kumitat dwar Villa Schinaz se jiltaqa nhar it-Tlieta 22 ta' Frar 2022 sabiex jipprepera xi punti biex jiġu kjarifikati mal-Kurja. Villa Schinaz

42.7.22 Id-Dep Seg Ezek infurmat li kien hemm talba interna mill-uffiċċju amministrattiv għal post vakant ta' *full timer* għal skala 15. Kien hemm applikazzjoni waħda mis-Sinj. Christy J. Borg. Kien hemm qbil li tibda mit-Tnejn 21 ta' Frar, 2022. Full Timer

**42.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

42.8.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

**42.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

42.9.1 Il-Viċi Sindku J.Pillow irrefera għal pagament dwar it-tindif ta' latrini pubbliċi u ġibed l-attenzjoni li l-dik ta' fejn it-Torri hija magħluqa għal madwr tlett xhur. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Kuntrattur.

42.9.2 Il-Vici Sindku irrefera għall-pagament numru 14 u qal li d-dranaġġ li għadu kif issewa reġa huwa mizdud. Il-Vici Sindku talab ukoll li l-Kunsill jiċċekja il-kuntratt għaliex hemm inkluz li affarijiet zgħar jiġu irranġati mil-kuntrattur tal-latrini pubbliċi stess.

42.9.3 Il-Vici Sindku irrefera għall-pagament numru 27 u talab hux qiegħed isir manutenzjoni kif suppost jiġi mħejji kull xahar.

42.9.4 Il-Vici Sindku irrefera għall-pagament numru 46 indirizzat lil Perit dwar High Street u talab li jitpoġġa *on hold* sakemm il-Kunsill jiċċekkja l-lista ta' pagamenti li diġa tħallsu dwar High Street. Kien hemm qbil dwar dan.

42.9.5 Il-Kunsillier W. Vella Baldacchino propona li l-pagamenti jiġu approvati (numru 46 on hold kif indkikat f'punt 42.9.4). Il-Kunsillier E. Borg issekondah. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. Approvazzjoni tal-pagamenti

**42.10 MOZZJONIJIET**

42.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**42.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

42.11.1 Is-seduta ntemmet fil-23.35 . Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 14 Marzu, 2022 fis-6pm

Minuti approvati llum

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Graziella Attard Previ** **Anthony Attard**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**